MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-2 ta' Lulju, 2015

Numru. 371/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur Ivan Cilia)**

**vs**

**GAMIL MERGES**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputat **Gamil Merges** detentur tal-Karta tal-Identita' numru 33097M gie mressaq quddiemha u akkuzat:-

1. Talli f'Jannar 2003 u fix-xhur ta' wara f'dawn il-Gzejjer, b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-

ezistenza ta’ intaprizi foloz, jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti mmaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza’ dwar xi grajja kimerika ghamel qliegh ta’ aktar minn mitejn, tnejn u tletin Ewro u erbgha u disghin centezmu **(€232.94)** izda mhux aktar minn elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmu **(€2329.37)** ghad-dannu tad-dipartiment tal-VAT.

2. Talli fl-istess data, lokalitajiet u cirkostanzi ghamel falsifikazzjoni f’att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta’ bank privat, b’falsifikazzjoni jew b’tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holoq pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f’dak l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati, inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom fihom jew kellhom jippruvaw.

3. Talli fl-istess data, lokalitajiet u cirkostanzi xjentement ghamel uzu minn att, kitba jew skrittura falza.

4. U aktar talli fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi b’mezz ta’ rigali, weghdiet, eghmil qarrieqi jew b’xi mod li jkun, xjentement ghen jew assista lill-awtur jew awturi tad-delitt, fl-atti li bihom dawn ghamlu xi denunzja, dikjarazzjoni jew taw taghrif mehtieg ghal xi wiehed mill-ghanijiet ta’ l-Att Dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud filwaqt li kienu jafu li ma kinux korretti jew qarrieqa f’xi rigward materjali:

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti kollha esebiti fosthom fedina penali mmarkata bhala Dok. IV1 a fol. 6, *detailed person report* immarkat bhala Dok. IV2 a fol. 7 u l-kunsens tal-Avukat Generali datat 15 ta' Marzu, 2010 sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja liema kunsens gie mmarkat bhala Dok. IV3 li jinsab a fol. 8 tal-Process u li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat sommarjament kif jirrizulta mir-risposta li ta ghall-ezami li sarlu nhar il-11 ta Gunju 2010 (fol. 9).

Rat illi din il-kawza giet assenjata temporanjament lil din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita b'digriet ta' Assenjazzjoni tal-Prim'Imhallef datat 21 ta' April, 2014 u b'mod permanenti b'digriet tal-20 ta' Novembru, 2014.

Illi nhar l-10 ta' Settembru, 2010 xehed l-allura S**pettur Ivan Cilia** u spjega li l-Pulizija kien waslilha rapport mid-Dipartiment tal-V.A.T. dwar certu Merges Gamil illi dan kien ipprezenta ricevuta fiskali ghall-ammont ta' elfejn Lira Maltin (LM2,000) u b'hekk kien qieghed jitlob taxxa tal-V.A.T. lura mill-istess Dipartiment ghas-somma ta' mitejn u sittin lira Maltin u sitta u tmenin centezmu (LM260.86). Mill-investigazzjoni li ghamel id-Dipartiment sab illi din l-ircevuta fiskali

kienet mahruga minn certu Angelo Abela u meta kellem lil dan Angelo Abela l-ircevuta kienet ta’ mitejn lira Maltin (LM200) u mhux elfejn u ghalhekk it-taxxa mitluba lura mid-Dipartiment kellha tkun biss ta’ sitta u ghoxrin lira u tmenin centezmu (LM26.80) flok mitejn u sittin Lira u sitta u tmenin centezmu (LM260.86) u ghalhekk kien qieghed jitlob *refund* iktar b’ammont ta’ mitejn u erba’ u tletin lira Maltin u tmienja u sebghin centezmu (LM234.78).

F’kaz iehor separat pero’ involut ukoll Merges Gamil, id-Dipartiment tal-V.A.T. qal illi kienu prezentati erba’ rcevuti fiskali bl-ammont identiku ta’ hamest elef seba’ mija u hamsin lira Maltin (LM5,750) ghal xi xoghol ta’ kostruzzjoni. L-ircevuti huma datati 16 ta’ Dicembru, 2003, 12 ta’ Dicembru, 2002, 8 ta’ Ottubru, 2002 u 5 ta’ Ottubru, 2003. Jidher li l-persuna li hareg dawn l-ircevuti huwa Mahmoud Al Madami pero’ skond ir-rekords tad-Dipartiment tal-V.A.T. dan il-ktieb ta’ ircevuti fiskali huwa mahrug fuq certu isem Peter Farrugia u mhux Mahmoud Al Madami. Dawn il-kotba tal-ircevuti fiskali ma humiex transferibbli u ghalhekk kien hemm is-suspett li anke hawnhekk kellhom xi falsifikazzjoni jew dikjarazzjoni falza ta’ dawn l-ircevuti fiskali.

Huwa kien kellem lil Gamil Merges f’zewg okkazzjonijiet. Kien kellmu fis-26 ta’ Ottubru, 2009 u fl-10 ta’ Novembru, 2009. Fiz-zewg okkazzjonijiet tah  twissija li seta’ ma jwegibx ghad-domandi li kienu ha jsirulu u li dak kollu li ha jghid kien se jitnizzel bil-miktub, huwa gharaf lill-imputat presenti fl-awla bhala l-sitess Gamil Merges li huwa investiga. Meta kien kellmu dwar l-ircevuta illi kien hareg

Angelo Abela, dan qal li kien l-istess Angelo Abela li hariglu l-ircevuta ta' elfejn lira (LM2,000) u huwa qatt ma nnavika jew baghbas dawn l-ircevuti biex jurihom xi ammont iehor. Ikkonferma li kienet ircevuta li huwa ssottometta lid-Dipartiment, u nnega li baghbas dawn l-ircevuti. Dwar l-ircevuti l-ohrajn tal-ammont ta' hamest elef, seba' mija u disgha u hamsin lira Maltin (LM5,759), l-ircevuti li gew bin-numru 2656267, 2656265, 2656263 u 2656266. Huwa qal li dak iz-zmien kien qieghed jaghmel xi xoghol ta' kostruzzjoni ma' Sirjan illi qal li jafu bl-isem ta' Luqaj. Kienu ghamlu xi xoghol ghand Attard Brothers f'Hal Far. Kien xi xoghol li jammonta ghal madwar hamsa u tletin elf lira Maltin (LM35,000). Huwa qal li dawk l-ircevuti gew moghtija lilu minn dan is-Sirjan li jafu bl-isem ta' Luqaj u huwa spjega li ma kienx jaf ta' min kien il-ktieb ta' dawn l-ircevuti fiskali, illi bl-ebda mod huwa kiteb fuq dawk l-istess ircevuti.

Fl-investigazzjonijiet taghha, il-Pulizija kellmet ukoll lil Mahmoud Al Madami. Dan huwa Sirjan ta' 46 sena u huwa residenti s-Siggiewi. Dan Mahmoud Al Madami gharaf lil Gamil Merges u kkonferma li kienu ghamlu xi xoghol flimkien. Qallu li kien jghajjatlu bl-isem ta' Jimmy. Qal illi kien ghamillu biss imma xi xoghol li kien jiswa madwar LM500. In-numru tal-V.A.T. ta' Mahmoud Al Madami huwa 15250624, meta urih dawk l-erba' rcevuti li ghandhom il-kwistjoni fuqhom, li kienu jindikaw ismu bhala Mahmoud Al Madami, dan qal li mhux qieghed jaghrafhom u qal li l-unika rcevuta li qatt ta lil Gamil, kienet fl-ammont ta' hames mitt lira Maltin (LM500).

Huwa kkonfronta liz-zewg persuni fl-ufficcju, u cioe' lil Mahmoud Al Madami u l-imputat Gamil Merges. Gamil ikkonferma u gharaf lil Mahmoud bhala dak li huwa jaf is-Sirjan bl-isem ta' 'Luqaj' illi kien ghamel xi xoghol ghalih. Pero' baqa' jikkonferma li l-erba' rcevuti in kwistjoni kien ghaddihomlu dan l-istess Sirjan.

Il-Pulizija regghet kellmet lil Angelo Abela bil-karta' tal-identita' numru 179659(M). Dan spjega li Gamil huwa klijent tieghu, ikkonferma l-ircevuta fiskali datata tas-17 ta' Gunju, 2003 li turi l-ammont ta' mitejn lira Maltin (LM200) u huwa spjega li f'xi zmien Gunju tal-2009 kien mar fuqu Gamil u talbu *invoice* bl-ammont ta' elfejn lira Maltin (LM2,000) u ghalhekk ghamillu din l-*invoice* u newwilha lill-istess Gamil. Pero' xi gimghat wara dan l-incident kienu marru ghandu xi Ufficjali tal-V.A.T. u talbuh jurihom il-ktieb tal-ircevuti fiskali u hemmhekk irrealizza illi suppost l-ircevuta li kellu johrog kienet ta' mitejn lira u mhux ta' elfejn lira.

Ix-xhud esebixxa l-istqarrija li giet rilaxxata fis-26 ta' Ottubru, 2009 minn Gamil Merges fil-prezenza tieghu kif ukoll fil-presenza ta' PC1550 Joseph Mallia, wara li nghata s-soltu twissija u wara li wiegeb ghad-domandi kif ukoll iffirma l-istess stqarrija ta' zewg pagni. Din giet markata bhala Dok. IV4. Huwa esebixxa stqarrija ohra rilaxxata fl-10 ta' Novembru, 2009, l-istess fil-presenza tieghu kif ukoll fil-presenza ta' PC1550 Joseph Mallia u wara li nghata s-solitu twissija Gamil Merges ghazel li jwiegeb ghad-domandi u ghazel ukoll li jiffirma din l-istqarrija li giet markata bhala Dok. IV5 u tikkontjeni ukoll zewg pagni. Spjega illi Gamil Merges li huwa l-istess persuna li

qieghed jidher hawn bhala l-imputat fl-Awla, irrilaxxa din l-istqarrija b'mod volontarju wara li nghata t-twissija skond il-ligi.

Illi nhar il-10 ta' Settembru, 2010 xehed **Anthony Cutajar** u spjega li kien qed jixhed in rappresentanza tal-V.A.T. Department. Huwa V.A.T. Inspector u jirrapprezenta lill-Kummissarju tal-V.A.T. fil-bordijiet. Rigwardanti rapport li kien sar lill-Pulizija dwar certu Gamil Merges, spjega illi huma kienu qeghdin f'seduta ta' bord fejn kellhom jingiebu dokumenti ta' *tax period* u fuq talba tal-bord dawn id-dokumenti nghataw lill-bord, liema bord imbaghad ghadda d-dokumenti lilu. Spjega illi fix-xahar ta' Jannar, 2009 kienet qeghda ssir spezzjoni ta' dokumenti migjuba mill-*accountant* ta' Gamil Merges. Dawn kienu jappartjenu ghall-perjodu ta' taxxa minn Jannar, 2003 sa Gunju, 2003. Fuq wahda mill-ircevuti li kienet tammonta ghas-somma ta' elfejn lira (LM2,000) li kienet persuna registrata mal-V.A.T. bin-numru tar-registrazzjoni 11164024 dehret suspettuza fuq l-ahhar 0 tal-elfejn lira Maltin (LM2,000). Dan stante li l-kulur tal-linka kien differenti.

Huwa esebixxa dan id-dokument li gie markat bhala Dok. ACV1. Wara spezzjoni min-naha tal-Ispettur tad-Dipartiment tal-V.A.T. ghand is-Sur Angelo Abela li huwa l-persuna li ghandha l-V.A.T. *registration number* li ghadu kif semma' u li kien hareg din l-ircevuta, instab illi l-kopja ta' din l-ircevuta bhala *supplier* kienet ta' mitejn lira Maltin (LM200) u mhux ta' elfejn lira Maltin (LM2,000) u din hija il-kopja li elevaw minghand dana Angelo Abela u liema kopja tal-ircevuta huwa ipprezentaha seduta stante u giet markata bhala Dok.

ACV2. Dan ifisser illi flok intalbet sitta u ghoxrin lira (LM26) *input* V.A.T., din l-ispiza kienet qeghda tittella' b'tnejn u sittin lira Maltin (LM62) u dana ghad-dannu tad-Dipartiment tal-V.A.T.

Huwa esebixxa ukoll kopja tal-*ledgers* li kien ghadda lill-bord l-*accountant* ta' Gamil Merges liema bord imbaghad ghaddielu din id-dokumentazzjoni. Din id-dokumentazzjoni qed tigi esebita u markata bhala Dok. ACV3. Id-dokumenti li gew mghoddija lilu mill-bord liema dokumenti gew mghoddija lill-bord mill-accountant tal-imputat, kien hemm erba' ricevuti li dawn huma mehudin mill-Manual Fiscal Receipt Book, u spjega li kull wahda dana tammonta ghas-somma ta' hamest elef, seba' mija u hamsin lira Maltin (LM5,750). Esebixxa dawn id-dokumenti kollha li gew markati bhala Dok. ACV4. Spjega li dawna huma vera kopja tal-originali u dawn huma minnu ffirmati bhala vera kopja. Din id-dokumentazzjoni li ghadu kif esebixxa tikkonsisti fi tliet faccati. Spjega li dawn l-ircevuti kienu gew sottomessi lid-Dipartiment tal-V.A.T. Spjega li dawn l-ircevuti kienu gew ipprezentati flimkien mal-*ledger* in sostenn tal-*claim* tal-imputat.

Mill-ispjegazzjoni u mill-investigazzjonijiet li ghamlu l-ispettorat u mill-ezamijiet li ghamlu huma jirrizulta li dawn l-ircevuti hargu mill-ktieb tal-V.A.T. li jappartjeni lill-persuna registrata bl-isem Peter Farrugia u li ghandu karta tal-identita' bin-numru 337161M u V.A.T. *registration number* hu 14183225. Dana in-numru tal-VAT inghata lil din il-persuna fil-11 ta' Jannar, 1996.

Mistoqsi mill-Prosekuzzjoni jekk inkwantu ghal Mahmoud Al Madami dana ghandux xi V.A.T. *registration* mad-Dipartimet tal-V.A.T. spjega li iva u n-numru tar-*registration* tieghu huwa 15250624.

Illi nhar l-1 ta' Lulju, 2014 rega' xehed **Anthony Cutajar** u spjega li huwa kien gie mitlub mill-*Board* sabiex jispezzjona l-kotba tal-imputat odjern u dan ghaliex id-Dipartiment kien talab lil-imputat sabiex igiblu l-kotba tieghu u ma gabhomlhux.  Ghalhekk id-Dipartiment sussegwentement hareg *stayer.*  Sussegwentement sar l-Appell u fl-Appell kien qed jirraprezenta lill-Kummisarju.  Il-*Baord* tah cans biex igib il-kotba u l-kotba ma gabhomx.

Spjega illi huwa kien ezamina diversi rcevuti pero' b'referenza ghal din partikolari, b'referenzi li hu ghamel f'Jannar, 2003 sa Gunju, 2003.  Spjega illi f'din l-ircevuta partikulari nnota illi z-*zero* (0), fuq l-ahhar *zero* (0) kienet iktar skura, b'linka differenti ghalhekk talab l-Inspector Section sabiex tindaga ulterjalment dwar din l-istess ircevuta ACV1.  Sussegwentement meta marru l-Inspectors spjega illi min bieghlu l-prodotti kellu l-kopja ta' din l-ircevuta u deher li kien hemm *zero* (0) inqas.   U ghalhekk sussegwentement wera li kien hemm din id-diskrepanza u hawn dahhlu lill-Pulizija.  Mistoqsi jekk qattx investiga lil Angelo Abela, spjega illi le qatt.

Illi nhar is-17 ta' Novembru, 2014 rega xehed **Anthony Cutajar** u mistoqsi jekk kienx hu li ta struzzjonijiet lill-Ispettur Ivan Cilia dwar

il-kaz in ezami spjega li le ma kienx hu. Huwa kien il-persuna li nizel f'isem il-Kummissarju fil-*board*, il-persuna taxxabbli ma kinitx gabet id-dokumenti tax-xiri u spjega li d-dipartiment kien avzah kemm-il darba biex igib ir-*records*. Id-Dipartiment hareg stima fuq ix-xiri kollu li allegatament kien sehh. Huwa lill-Ispettur Cilia ma kienx kellmu direttament pero' kien hareg ir-rapport tieghu. Pero' wara li kien ghamel ir-rapport u kien hemm ir-rapport u kien hemm suspett ta' frodi jaf illi l-Ispettur kien ikkomunika mieghu. Spjega li l-Ispettur safejn jaf hu kellu ordni sabiex jindaga u jinvestiga hrug ta' ricevuta fiskali illi fil-fehma taghhom ma kinitx wahda legali, kienet wahda mbaghbsa.

Mistoqsi jekk huma nvestigawx lil Peter Farrugia u Mahmud El Madami cioe' xi ricevuti taghhom, spjega li iva kienu jiffurmaw parti minn din l-investigazzjoni cioe' mid-dokumenti li kien gab biex jigu nvestigati mid-Dipartiment u ghalhekk rahom individwalment dawn l-ircevuti. Huwa lil Gamil Merges pero' qatt ma kellmu tkellem mal-*accountant* tieghu. Jaf  li kien gie l-*accountant* tieghu f'ismu. Huwa ilu jahdem id-Dipartiment tal-VAT minn mindu bdiet min-*ninteen nintey four* (1994) u veru li fil-bidu l-ktieb ma kienx ikun hemm miktub l-isem ta' ‘l min jghajjat il-ktieb pero' maz-zmien, xi sena wara, saru personalizzati.

Illi nhar l-1 ta’ Marzu, 2011 xehed **Emanuel Azzopardi** u spjega li kien qed jixhed in  rapprezentanza tad-Dipartiment tal-VAT.  Spjega li jahdem  fis-Sezzjoni tal-Ispettorat tad-Dipartiment tal-VAT.  Spjega illi rigwardanti dan l-kaz odjern huwa gie mqabbad mill-Ispettur

Anthony Cutajar li hu nkarigat mill-Bord tal-Appell rigwardanti kazijiet tal-VAT u spjega illi dana ghaddielu rcevuta manwali fiskali fuq ammont ta' elfejn lira maltin (LM2,000) fejn talbu jinvestiga. Spjega illi sar appuntament ma' Angelo Abela li kienet il-persuna li harget din l-ircevuta fiskali. Spjega illi dana Angelo Abela jimporta diversi oggetti u fosthom affarijiet relatati mal-bini. Spjega li huma lil dana Angelo Abela urewh din l-ircevuta u huwa identifikaha bhala mahruga minnu. Spjega illi kien jidher car li l-ircevuta li huma nghataw biex inkunu jistghu jaghmel l-investigazzjoni taghhom li ggib in-numru 000362 u hija datata 17 ta' Gunju, 2003 din kienet tindika bhala ammont ta' hlas elfejn lira Maltin (LM2,000) meta l-kopja li kellu f' idejh is-*supplier* li ghaddielhom dan Abela, biex huma jkunu jistghu jezaminaw kien fiha l-ammont ta' mitejn lira Maltin (LM200).

Meta huma kkonfrontaw lil Angelo Abela b' din id-diskrepanza dan qalilhom li xi hmistax qabel l-imputat kif ukoll l-Accountant tal-imputat kienu cemplu biex huwa johrog *tax invoice* minflok l-ircevuta u cioe' flok dik l-ircevuta. Dan Angelo Abela ma kienx ivverifika mal-originali tieghu u ghalhekk kien hareg *tax invoice* ta' elfejn lira Maltin (LM2,000).

Spjega li ukoll Angelo Abela kien lilhom ikkonfermalhom li effettivament l-ammont ta' hlas propju kien ta' mitejn lira Maltin (LM200)u li fil-fatt anke fl-*accounts* tieghu huwa bhala ammont illi huwa kien hallas huwa kien nizzel mitejn lira Maltin (LM200). Muri Dok. ACV 1 kif ukoll Dok. ACV 2 jghid li b'referenza ghal Dok.

ACV 1 spjega li din hija l-ircevuta fiskali manwali li kien ghaddielhom Anthony Cutajar. Waqt li  Dok. ACV 2 u l-ohra hija l-kopja tal-ircevuta fiskali manwali li huma sabu fil-ktieb li kien gabilhom Angelo Abela.  Spjega li ghaldaqstant l-ammont korrett tal-hlas kien dak li jidher fuq id-dokument ACV 2 l-ammont ta' mitejn lira Maltin (Lm 200).  Huwa f'dan ix-xoghol investigattiv kien akkumpanjat minn kollega tieghu Anthony Borg.

Illi nhar l-1 ta’ Lulju, 2014 riprodott xehed **Emmanuel Azzopardi** u spjega illi huwa lil Angelo Abela biss kellem.  Spjega illi kien gharaf l-ircevuta Dok. CACV1 bhala l-V.A.T invoice li kien hareg mill-ktieb tal-V.A.T tieghu u bil-firma tieghu.  Sussegwentement dan kien qallu ukoll li kien mar ghand l-imputat u talbu *tax invoice,* ghall-ewwel m’ghamililux imbaghad fuq insistenza tal-imputat stess kien ghamillu *tax invoice* ghas-somma ta’ elfejn lira Maltin (Lm2,000) minghajr ma kien iccekja mal-ircevuta li kien hareg mill-ktieb tal-V.A.T. u huwa qaghad fuq dik li qallu Angelo Abela.  Huwa ma kellu l-ebda suspett f’Angelo Abela.  Huwa qatt ma dahal fuq l-allegazzjoni li Angelo Abela kien dahaq bid-Dipartiment tal-V.A.T.

Illi nhar l-1 ta’ Marzu, 2011 xehed **Anthony Borg** u spjega kien qed jixhed ghan-nom u in  rapprezentanza tad-Dipartiment tal-VAT. Huwa jahdem fil-branka tad-Dipartiment tal-Ispettorat tal-VAT. Spjega illi Emanuel Azzopardi huwa kollega tieghu.  Rigwardanti l-kaz odjern spjega illi fit-18 ta' Gunju, 2009 kienu ltqaghu ma' Angelo Abela rigwardanti nvestigazzjoni dwar ricevuta fiskali manwali li kienet inharget u li huma kienu gew mitluba biex jinvestigaw dwarha

u dina l-ircevuta fiskali kien harigha Angelo Abela. Spjega illi huma biex jaghmlu din l-investigazzjoni kienu nghataw ricevuta fiskali fl-ammont ta' elfejn lira Maltin (LM2,000) u kellhom jaghmlu l-verifiki fuq dina l-ircevuta u ghalhekk huma kellmu lil Angelo Abela fejn dana sostna li dik l-ircevuta huwa veru kien harigha u illi huma talbuh biex ikunu jistghu jaraw il-ktieb tal-ircevuti halli jaraw il-kopja ta' dina l-ircevuta u li dana gabilhom dan il-ktieb. U minn din il-kopja tal-ircevuta rrizulta illi l-kopja taghha tindika li l-ammont kien ta' mitejn lira (Lm 200) u mhux ta' elfejn lira Maltin (Lm 2000). Zied jghid ukoll illi mbaghad dana Angelo Abela qalilhom illi huwa kien gie kkuntatjat mill-imputat u mill-*accountant* tal-imputat biex dana johrog ricevuta fl-ammont ta' elfejn lira Maltin (Lm 2000). Fil-fatt huwa ma kienx ivverifika mal-ktieb biex jara l-kopja kemm ezattament kien l-ammont originali u fil-fatt hareg l-ircevuta ta' elfejn lira Maltin (Lm 2000) li huma kellhom f' idejhom u nghataw biex jinvestigaw dwarha. Angelo Abela kkonferma illi fil-fatt l-ammont originali ghall-hlas kien ta' mitejn lira Maltin liema ammont ukoll jirrizulta mill-*accounts* tal-istess Angelo Abela fejn hu nizzel li hu rcieva mitejn lira Maltin (LM200). Spjega illi din kienet giet ipprezentata lid-Dipartiment tal-VAT ghall-fini illi persuna tkun tista' titlob *refund* tal-VAT fuq l-ammont li jkun indikat fuq l-ircevuta. Qieghed jigi muri dokumenti Dok. ACV1 u Dok. ACV 2 u spjega illi Dok. ACV 1 hija l-ircevuta fl-ammont ta' elfejn lira Maltin (LM2,000) li huma kienu gew mghoddija biex jinvestigaw dwarha. In kwantu ghal Dok. ACV 2 hija l-kopja tal-ircevuta li fuqha hemm miktub l-ammont ta' mitejn lira Maltin (LM200) u li kien ghaddielhom Angelo Abela.

Illi nhar l-1 ta' Lulju, 2014 **Anthony Borg** riprodott spjega li huwa kien involut biss fl-investigazzjoni ta' Angelo Abela. Huwa ghamel s*ite inspection* ghand Angelo Abela.

Mistoqsi jekk huwa qattx investiga lil Angelo Abela direttament spjega illi le. Spjega illi l-ircevuta li kellu Gamil Merges f'idejh ma kinitx ta' Abela, imma l-ircevuta li hareg Angelo Abela. Spjega illi Angelo Abela fid-dikjarazzjoni tal-V.A.T kien iddikjara li kien qala' jew dahhal mitejn lira Maltin (Lm200) u dik l-ircevuta ma kienitx taqbel mal-ircevuta li kellu Gamil Merges li kienet tghid li effettivament kien hemm hlas ta' elfejn liri Maltin (Lm 2,000).

Mistoqsi jekk l-ircevuta harighiex Angelo Abela fil-prezenza tal-imputat jghid illi ma nafx.

Huwa ma jistax jghid jekk effettivament dak li qed jigi suggerit lilu mid-difiza u cioe' li Angelo Abela kien qala' l-karta l-bajda u kien zied zero (0) u kien baghat dik l-ircevuta lil Gamil Merges, kienx minnu jew le. Jikkonferma pero' li Angelo Abela fir-*return* tieghu kien iddikjara mitejn lira (LM200) u mhux elfejn lira (LM2,000). Il-fatt li Gamil Merges kellu rcevuta ta' elfejn lira (LM2,000), la Angelo Abela kellu rcevuta ta' mitejn lira (Lm200), tfisser li kien ser ihallas inqas rata milli kieku ddikjara elfejn lira (LM2,000).

Mistoqsi jekk ghamilx ezami forensiku biex jara jekk iz-zieda ta' *zero* (0) fuq l-ircevuta li kellu Gamil Merges lil min kienet tghajjat bhala kaligrafija spjega illi m'ghamlux.

Muri l-ircevuta li qeghda esebita fl-Atti bhala dokument ACV1 a fol. 23 tal-atti, spjega illi kieku effettivament kien kitibha Angelo Abela z-*zero* (0) l-ahhar wahda kienet tkun bhaz-*zeros* (0) l-ohrajn fil-fehma tieghu.

Mistoqsi jekk qattx iltaqa' ma' dokument Z esebit mid-difiza spjega illi iva, tant hu hekk li ghandu kopja taghha. Illi z-*zeros* (0) huma kollha l-istess fuqha. Huma li ghamlu kienu staqsewh ghaliex hareg l-ircevuta wara li kien hemm referenza ghall-ktieb u cioe' minn hemm ghamel ricerka mal-*fiscal receipt* originali. Pero' m'ghamlu l-ebda ricerka dwar setax kien hemm xi diskrepanzi ohrajn. L-investigazzjoni taghhom kienet tikkoncerna l-imputat odjern u daqshekk.

Illi nhar id-29 ta' April, 2011 xehed **Angelo Abela** u spjega li xogholu huwa li jgib materjal ta' struttura minn barra, pero' dana fil-perjodu tas-sena elfejn u tlieta (2003) sa l-elfejn u ghaxra (2010) ghaliex issa x-xoghol tieghu biddlu. Ikkonferma li lill-imputat huwa jafu. L-imputat kien imur jixtri minghandu. Spjega illi fil-perjodu ta' Jannar, elfejn u tlieta (2003) u x-xhur ta' wara l-imputat kien qed jixtri hafna minghandu ghaliex minghalih kien qieghed jaghmel xoghol tal-*playmobil*. Xtaq jaghmel precizazzjoni li kien imur hafna ghandu

pero' mhux kull darba li jmur kien jixtri hafna. Spjega illi meta kien jixtri minghandu l-imputat, dana kien jinsisti illi huwa ma jinghatax bhala rcevuta *tax invoice* imma rcevuta fiskali.

Muri dokument Dok. ACB 1 spjega li din hija l-original ta' l-ircevuta fiskali li huwa ghadda lill-imputat pero' spjega li hawnhekk il-valur ta' elfejn liri Maltin (LM2,000) qieghed zbaljat u fil-fatt spjega illi huwa propjament l-ircevuta kienet fuq l-ammont ta' mitejn (LM200) u mhux elfejn (LM2,000) liri Maltin. F'dan ir-rigward jaghmel referenza ghad-dokument Dok. ACB 2 li hija l-kopja tieghu li jzomm huwa rigwardanti l-original li mbaghad ikun hareg u l-ammont indikat huwa ta' mitejn (LM200) lira Maltin u mhux ta' elfejn (LM2,000) lira Maltin.

Spjega l-VAT *number* tieghu huwa 11164024. Spjega illi dina l-ricevuta Dok. ACB 1 inharget fuq bejgh li hu ghamel lill-imputat u disgha u disghin fil-mija (99%) kien ghaddieha direttament lill-imputat u dan qed jghidu ghaliex l-imputat jahdem bi shab ma' iehor u l-iehor kien ukoll barrani, jidhirlu li kien Sirjan bhall-imputat. Il-bicca l-kbira tal-ircevuti li johrog, johroghom *tax invoice*. Pero' l-imputat kien jinsisti li l-ircevuta jridha mill-kotba tal-VAT. Spjega li fit-*tax invoice* huwa jintela billi jiktbu b'idejh.

L-istess xhud fl-istess seduta in kontro ezami spjega li *tax invoice* mhiex l-ircevuta fiskali li tohrog mill-*cash register*. Hija *invoice* li jimliha b'idejh. Mistoqsi jekk kemm 'il darba l-imputat lilu qattx tah

raguni ‘l ghala kien jinsisti li dejjem jaghtih ircevuta manwali fiskali tal-VAT, spjega illi lilu qatt ma qallu ghalfejn. Hawn xtaq pero’ jippreciza illi dejjem ta ricevuta lill-imputat dwar dak li kien xtara minghandu. Spjega illi safejn jaf huwa l-imputat u siehbu fin-negozju, qatt ma marru jixtru flimkien. U huwa kien jaf li dawn kienu shab fix-xoghol ghaliex kien johdilhom ix-xoghol  meta kienu qed jahdmu il-*playmobil* u kien isib lill-imputat u lil siehbu hemm fuq l-ghant tax-xoghol.

Illi nhar il-15 ta’ Settembru, 2014 rega xehed **Angelo Abela** u spjega li huwa llum il-gurnata m'ghadux jaghmel ix-xoghol li kien jaghmel dakinhar li gie nvestigat dan il-kaz. Meta huwa kien jahdem mal-imputat kien jircievi l-ircevuti u kien jimla d-dokumentazzjoni kollha. Jiftakar li meta kienu kellmuh rapprezentanti tal-VAT Department kienu talbuh sabiex jghaddilhom kopja tal-ircevuti li huwa kien hareg lill-imputat u fil-fatt kienu tawh cans jumejn, tlieta biex johdilhom dawn l-ircevuti. Staqsewh x'kienu l-ammonti, pero’ llum il-gurnata ma jiftakarx, pero' wahda minnhom kienet fis-somma ta' elfejn lira Maltin (Lm2000) u kienu talbuhielu ghax kienet importanti ghall-investigazzjoni taghhom.

Huwa kien mar ghand l-*accountant* u fittixha, sab id-dokumentazzjoni kollha pero' din tal-elfejn (LM2000) ma sabhiex. Sab wahda ta' mitejn (LM200) pero' ma kienx gie mitlub jghaddihielhom. Imbaghad sussegwentement jaf li kienu gew ghandu u qalulu li kollox kien sew u spiccat hemm u fil-fatt qalilhom li kien sab ricevuta tal-mitejn lira

(LM200) u mhux tal-elfejn lira (LM2000) urihielhom u qalulu li rieduha u ghaddihielhom ukoll.

Mistoqsi jekk l-Ispettur qattx kien baghat ghalih fuq din l-investigazzjoni spjega illi le qatt ma kellmuh. Huwa kien kellem biss rappresentanti tal-VAT, ma jidhirlux li effettivament qatt tkellem ma' pulizija fuq dan il-kaz. Gamil kien jixtri hafna minghandu dak iz-zmien ghaliex kien qed jiehu hsieb ix-xoghol fil-fabbrika tal-Playmobil u ghamel zmien twil u somom kbar b'mod ripetuttiv u regolari.

Muri ricevuta esebita f'dawn l-atti li tinsab inserita fl-atti a fol. tlieta w ghoxrin (23), spjega li din l-ircevuta mimlija minnu apparti l-ahhar zero (0) li hemm fil-kaxxa ghalkemm l-ircevuta harget minghandu. L-ircevuta mhux veru baghatha lill-imputat tramite persuna ohra, kien tahielu hu personalment u fil-fatt sahansitra jiftakar li l-imputat kien cempillu ukoll xi darbtejn, u anke l-avukat tieghu, u hu dejjem l-istess haga qal.

Mistoqsi ghandux kopji tal-ircevuti fiskali li l-imputat ghamel mieghu matul iz-zmien spjega li ghandu. Ipprometta li jesebihom, u fil-fatt huwa kien diga' ghaddihom kollha lid-Dipartiment. Huwa ma jafx jekk ghadx ghandu xi kopji pero' kellu jiccekkja u ipprometta li jesebihom f'kaz li jirrizulta li ghadhom ghandu.

B'referenza ghal dokument li jinsab inserit fl-atti a fol. hamsa u sebghin (75) jghid li il-karta mlieha hu. Jiftakar illi kien gie jkellmu waqt li kellu missieru l-isptar u gieh b'numru ta' ricevuti u talbu biex jaghmillu kopja taghhom. Huwa ma qghadx ifittex is-sofor pero' fuq dak li urieh u cioe' li urieh il-bojod huwa hariglu dawn id-dokumenti li hawn a fol. hamsa u sebghin (75) u qallu li sabiex il-VAT *receipt* tkun valida jkollu bzonn l-*invoice* u ghalhekk tah din l-*invoice*. Pero' mhux normali ghalih li jimla l-*invoices* bl-amment.

Illi nhar l-20 ta' Marzu, 2013 xehed **Peter Farrugia** u spjega li bhalissa ma jahdimx. Qabel kien mastrudaxxa u ghamel sebgha u ghoxrin (27) sena isiefer, issa waqaf sena u nofs ilu. Mistoqsi jekk kienx hemm xi zmien li kien jaghmel xi xoghol ghal rasu wiegeb li iva. Mistoqsi meta kien dan il-perjodu huwa spjega li ilu sebgha u ghoxrin (27) sena jsiefer, kien waqaf sena w rega' rama naqra bl-injam kif kien armat qabel bhala mastrudaxxa, imbaghad kien ghalaq kollox u qabad isiefer u kien ghamel xi sena rega' rama naqra, waqaf naqra mis-safar biex forsi jerga' jidra hawn, imma ma derax.

Mistoqsi meta kien dan il-perjodu, u cioe' s-sena li ghamel jahdem ghal rasu spjega li kienet is-sena 1995 jew f'dak l-ilma. Mistoqsi x'xoghol kien jaghmel ghal rasu spjega li kien jahdem bhala mastrudaxxa. Mistoqsi fix-xoghol tieghu dak iz-zmien kienx juza ktieb tal-VAT jew le spjega li darba uza ktieb tal-VAT f'sena u mbaghad rega' seba' u rega' mar isiefer ghax iddejjaq hawn. Mistoqsi x'ghamel b'dan il-ktieb tal-ircevuti tal-VAT li kellu, huwa spjega li mar ta il-kumplament li kien baqa' u l-ktieb tal-VAT lil tal-VAT.

Mistoqsi jghid in-numru tal-VAT li kellu jghid li ma jafx minn dakinhar l-hawn. Mistoqsi jekk fiz-zmien li kellu dan il-ktieb tal-VAT qatt xi darba naqsitlu xi rcevuta minnu huwa spjega li le. Kellu jaghti xi mitt lira (LM100), xi haga hekk, mar hallas u qabad u tahom il-ktieb tal-VAT u qalilhom li hu daqshekk ghax ha jzarma. Mistoqsi jekk fil-ktieb tal-VAT fuq kull ircevuta kienx hemm indirizz partikulari tieghu ipprintjat huwa spjega li nesa, ma jafx. Mistoqsi jekk mal-pulizija qattx ghamel xi rapport huwa spjega li le qatt, qatt ma kellu problemi jigifieri lanqas ma' tal-VAT, xejn. Mistoqsi jekk lill-imputat hawnhekk jaghrfux, qatt xi darba kellu xi negozju mieghu jew xi haga, huwa spjega li lanqas biss jafu.

Illi nhar l-20 ta' Frar, 2014 xehed l-**Ex Spettur Ivan Cilia** gie mistoqsi jekk jiftakarx ezattament x'talbuh jinvestiga ghax hu kien qal li fil-fatt kienu ghaddewlu nformazzjoni d-Dipartiment tal-VAT dwar certu Gamil Merges u talbuh sabiex jinvestiga, huwa spjega li jidhirlu kien hemm xi hadd mill--VAT Department kien ircieva *claim*, cioe' ircieva VAT *return* minghand l-imputat u nnutaw illi kien hemm ircevuti li gew ipprezentati l-VAT Department li dehru suspettuzi ghall-fatt illi kien qed jiklejmja l-VAT, jidhirlu illi l-istess ircevuta kienet prezentata fuq xi kont iehor ukoll f'dak is-sens li jiftakar.

Mistoqsi dwar it-talba li saret mid-Dipartiment tal-VAT jekk jiftakarx, kinitx specifikament fuq Gamil Merges jew jekk hux fuq sitwazzjoni generali, huwa spjega li jiftakar li kien hemm zewg persuni nvoluti w Gamil Merges kien wiehed wiehed minnhom.

Mistoqsi jekk jiftakarx forsi jekk intalabx jinvestiga ukoll lil certu Angelo Abela huwa spjega li f'dan il-kaz le.

Mistoqsi jekk jiftakarx kif kien l-imputat meta wiegeb id-domandi, jekk kienx car, u kif kienet il-linja tat-twegibiet tieghu, spjega li ma jiftakarx u hemm l-istqarrijiet esebiti. Mistoqsi jekk kienx iccekja jekk fil-fatt Gamil Merges l-imputat kienx jaf jaqra u jikteb bil-Malti minhabba li kien ta' nazzjonalita' barranija, huwa spjega li generalment l-ewwel domanda li tkun jekk jifhimx il-lingwa Maltija pero' jekk jafx jaqra' ma jiftakarx. Mistoqsi jekk jafx jikteb huwa spjega li lanqas ma jiftakar.

Gie spjegat dak li kien gara u cioe' li kien hemm zewg ircevuti li kellhom ikunu kopji ta' xulxin pero' irrizulta li l-kopja li tkun taht l-original kellha ammont differenti, wahda kienet ta' elfejn (LM2000) lira u dik fil-pussess ta' Angelo Abela kienet ta' mitejn (LM200). Huwa gie mistoqsi fil-fatt ga la darba kien hemm id-differenza jiftakarx ghal liema raguni ma giex investigat ukoll Angelo Abela bhala possibilita' li fil-fatt huwa mess il-kopja tieghu, ighid li kien l-imputat li prezenta l-ircevuta suspettuza lill-VAT Department u kien qed jikklemja l-VAT lura. Meta huma kellmu bhala pulizija lil Angelo Abela dana pprezentalhom l-originali illi kienet turi diskrepanza fl-ammonti wahda mitejn lira (LM200) u l-ohra elfejn lira (LM2,000).

Mistoqsi jekk hu nvestigax jekk fil-fatt setghax Angelo Abela hareg ircevuta ta' mitejn lira (LM200) u meta qalghahha zied zero fuq l-ircevuta li ta lil Gamil Merges, huwa spjega li Angelo Abela tahom l-originali tieghu. Gie mistoqsi jekk investigax dwar il-possibilita' li Angelo Abela kiteb is-somma ta' mitejn lira (LM200) fuq il-ktieb qala' l-verzjoni ta' fuq dik li kien ha jaghti lil Merges imbaghad zied iz-zero (0) fuq ta' Merges, wiegeb li le ma nvestigahiex. Mistoqsi jekk jiftakarx illi meta kellem lil Gamil Merges kien talbu hu stess biex jiccekja z-zero (0) jigifieri jekk iz-zero (0) bhala diskrepanza kienitx biro jew linka ohra, ma  jiftakarx li talbu huwa stess, pero' ma jeskludihiex. Mistoqsi ghaliex ma hassx il-bzonn li galadarba Gamil Merges beda jghidlu w jghidlu li huwa ma zied l-ebda zero (0) ; ghaliex ma hassx il-bzonn li jinvestiga lil Angelo Abela; huwa spjega li ma dehrlux li kellu jaghmel dan. Mistoqsi jekk pero' japprezzax illi jista' jkun illi jekk fil-fatt kien Angelo Abela li mess l-ircevuta huwa spjega li fl-investigazzjoni tal-pulizija Angelo Abela qatt ma kien gie investigat bhala suspettat. Angelo Abela qatt ma kien meqjus bhala suspettat illi ffalsifika dik l-ircevuta. Mistoqsi jekk jaqbilx pero' illi kemm-il darba fuq il-verzjoni tal-ircevuta tieghu Angelo Abela kellu mitejn (LM200) u fuq ta' Gamil elfejn (LM2000) Angelo Abela fil-fatt minhabba li kellu mitejn (LM200) kien ha jhallas inqas income tax u inqas VAT fuq dak l-ammont huwa spjega li mhux il-kompitu tieghu li jghid. Gie mistoqsi jekk jaqbilx illi fl-isfond tal-possibilita' illi jassumu kif qed jghidu huma illi fil-fatt il-valur tal-bejgh kien ta' elfejn (LM2000) lira, issa galadarba Angelo Abela fuq tieghu jkollu mitejn lira  (LM200), u fuq elfejn lira (LM2000) li ha jkun qala' ha jhallas inqas VAT u inqas *income tax*, huwa spjega li dik hija l-logika tas-sistema.

Mistoqsi issa fl-isfond ta' din il-possibilta' x'inhi r-raguni ghaliex Angelo Abela ma giex investigat huwa spjega li dak iz-zmien tal-investigazzjoni Angelo Abela qatt ma kien meqjus bhala suspettat. Mistoqsi jekk hu jiftakarx jara *invoice* mahruga minghand Angelo Abela lil Gamil Merges fl-ammont ta' elfejn lira (LM2000) spjega li jekk inhi prezentata forsi jista' jerga' jaraha ghax bhalissa mhux jiftakarha. Gie spjegat lix-xhud li din mhux prezentata. Gie mistoqsi jekk ezami forensiku fuq l-ircevuta, kaligrafija, biro u dawn l-affarijiet kollha sarx huwa spjega li ma jidhirlux li sar ghaliex lanqas il-VAT Department ma jidhirlu li tah l-original jekk mhux sejjer zball. Mistoqsi jekk talabhielux spjega li issa ghadda z-zmien. Jekk ma kellhomx l-original f'idejhom bhala pulizija kien  ikun inutli. Mistoqsi jekk jiftakarx li talbuha l-originali huwa spjega li kienu jishqu fuq l-original. Il-klassi tal-investigazzjoni kienet li jishqu fuq l-original. Mistoqsi jekk id-Dipartiment tawhielhomx  spjega li ma jiftakarx f'dan il-kaz specifiku x'kien gara . Huma bhala pulizija hadmu fuq il-*complaint* tad-Dipartiment, gabu certu evidenza fuqhom u komplew fuqhom biss. Mistoqsi jekk jiftakarx jekk Peter Farrugia harigx xi rcevuti ohra huwa spjega li le ma jiftakarx. Saret referenza ghar-rapport a fol. 27, 28 u 29 tal-Process u gie mistoqsi jekk dawk l-ircevuti jiftakarx jekk investigahomx hu, spjega li dan ghandhom  l-isem Mahmoud Al Madami.

Jiftakar li kien rahom u gie nvestigat fuqhom  il-persuna Mahmoud Al Madami u kien gie mressaq il-Qorti wkoll akkuzat b'akkuzi simili. Mistoqsi jekk huwa jafx lil Peter Farrugia min hu u x'relazzjoni kellu

ma’ dawk l-ircevuti, xtaq jaghmel referenza ghar-rapport li kien ghamel.

Illi nhar is-17 ta’ Novembru, 2014 xehed l-imputat **Gamil Merges** minn jeddu u spjega li ilu jghix hawn Malta ghal dawn l-ahhar erbgha u ghoxrin (24) sena u fil-fatt sahansitra ukoll ghandu cittadinanza Maltija u ilu biha mill-1997. Hu ma jafx jaqra bil-Malti pero' jaf jitkellem u lanqas ma jaf jikteb bil-Malti. Huwa pero' jifhem in-numri miktubin bir-Ruman. Huwa xogholu huwa li jiksi u jkahhal. Huwa fil-fatt sahansitra meta jiehu bicca xoghol li tkun kbira jqabbad in-nies biex jghinuh. Ikun hu pero' li jixtri l-materjal u sussegwentement jghaddi l-materjal lil min ikun qed jaghmel ix-xoghol u jahdem bih. Huwa jiftakar li kien effettivament irrilaxxja stqarrija. Huwa sussegwentement jaf li rrilaxxa stqarrija u jikkonferma l-istqarrija kollha. Mistoqsi kif jaf lil Angelo Abela spjega li kien jixtri l-materjal minghandu. Daqqa kien jixtri bi ftit, daqqa bil-hafna pero' ma kienx ihallsu mall-ewwel - kien ihallsu meta jithallas hu. Huwa lil Angelo Abela kien jitolbu biex jaghtih ir-ricevuta tal-VAT u huwa kien talbu biex jaghtih VAT *receipt* ukoll ghaliex l-*accountant* kien qallu li l-*invoice* mhux bizzejjed.

Huwa ma kienx jarah wisq lil Angelo Abela, jaf li kien jibaghtlu flus mat-tifel tieghu. Qal li Abela ghandu zewgt (2) itfal u sussegwentement kien jibaghtlu l-ircevuti maghhom ukoll. Qatt ma kien jaghtih ricevuti f'idu, kien jibghathielu lesta mimlija mat-tifel u dejjem hekk bhala procedura ntuzat. Spjega illi l-*invoice sheet* ta' elfejn lira (LM2000) giet mibughta lilu minn Angelo Abela tramite t-

tifel tieghu. Anzi spjega li l-VAT *receipt* li baghtlu mat-tifel, it-tax *invoice* mar jigborha hu u effettivament spjega li sussegwentement hariglu VAT *invoice* ta' elfejn lira (LM2000) ghax qallu li kien gabarlu l-*invoices* kollha. Huwa dawn l-*invoices* li rcieva tahom lill-*accountant* tieghu. Huwa fil-fatt kien ghadda xi xoghol lil Mahmud Al Madami u persuna ohra maghrufa bhala Luqaj. Pero' spjega li kien Mahmud Al Madami li kellu ktieb tal-VAT. Spjega li kien ra l-ktieb tieghu b'ismu fuqu.

Ricevuti li kien ghaddewlu Mahmud Al Madami u Luqaj gew miktuba quddiemu. Huwa kien ihallashom kull xahar inkluz il-VAT. Kien itihom hamest elef lira (LM5000) oltre l-VAT u ghalhekk kienet tigi l-ammont ta' LM5,750. Jiftakar li meta kien baghat ghalihom l-Ispettur lilu u lil Madami l-Ispettur kien qallu li ma jafx min hu Madami ghaliex huwa l-persuna Madami kien jafha bhala Mahmud u fil-fatt dakinhar stess meta gie arrestat mill-Ispettur, Mahmud Al Madami kien jahdem mieghu u fil-fatt dak il-hin stess l-Ispettur hareg in-numru tieghu u qallu dak mhux Madami, u huwa wiegeb li kien ta’ Mahmud u sussegwentement iltaqghu flimkien. Luqaj huwa habib ta' Mahmud. It-tnejn illum il-gurnata telqu minn Malta kemm Luqaj kif ukoll Mahmud. Jaf li pero' wiehed minnhom ghandu cittadinanza Maltija u l-iehor ghandu passaport Sirjan. Hawn hafna nies pero' li jafuh lil Luqaj. Hu ma jafx min hu Peter Farrugia.

Spjega illi l-*accountant* ilu jahdem mieghu xi ghaxar (10) jew tmien (8) snin. Qal li Angelo Abela kellu relazzjoni ta' xoghol mieghu biss u mhux ma' Mahmud Al Madami u ma' Luqaj. Ricevuti fiskali kienu

jigu ghandu tramite t-tifel ta' Abela stess u kienu jigu mghoddija lilu u spjega li karta bajda kien jaghtih. Qed issirlu referenza ghad-dokument esebit fl-atti a fol. 23 u qal li dawn kienu gew moghtija lilu mit-tifel ta' Anglu Abela. Huwa ma tax kaz pero' l-ammont li kien hemm fiha, qabad, hadha u telaq. Spjega illi fuq din il-VAT *receipt* hemm indikat elfejn lira (LM2000) u dan qed jaghmel referenza ghad-dokument ACV1. Il-karta s-safra qatt ma giet f'idejh. L-accountant kien hu li kien jghaddilu d-dokumenti u anke dan id-dokument li tkellem fuqu kien hu li ghaddih lill-accountant.

Illi nhar it-12 ta' Jannar, 2015 xehed **Joussef Muftah** u spjega li huwa jaf lill-imputat ghaliex gieli ghamel xi xoghol ghalih. Mistoqsi jekk jafx lill-persuna maghrufa bl-isem ta' 'Luqai' spjega li jafu u dan ghaliex hadem mieghu u kif ukoll kien hemm Mahmoud Madami jahdem maghhom. 'Luqai'jahseb kien jghix il-Hamrun ghaliex kien jghaddi ghalih il-Hamrun. Pero' ilu hafna ma' jarah. Huwa jaf illi Gamil kien jafu lil 'Luqai' ghaliex kien jahdem ghalih ukoll.

Illi nhar it-12 ta' Jannar, 2015 xehed **Masaab Falah** u spjega li hu lill-imputat jafu ghaliex darba minnhom hadem mieghu. Mistoqsi jekk huwa jafx il-persuna maghrufa bhala 'Luqai' spjega illi jafha u spjega illi darba minnhom kien qed jaghmel xi xoghol f'xi blokk u jaf illi dan 'Luqai' kien qed jaghmel xi madum fl-istess blokk ma' bniedem Sirjan. Ma jafx pero' jekk effettivament 'Luqai' kienx jaf lill-imputat. Pero' jaf illi Mahmoud jaf ukoll lill-imputat. Spjega illi 'Luqai' fil-fatt huwa mid-Damasku bhalu. Darba minnhom jaf li kien wegga'

Mahmoud li wkoll huwa mid-Damasku u kien staqsa lil Mahmoud x’kien sar minnu ‘Luqai’ u qallu li kien telaq minn Malta.

Illi nhar it-23 ta’ April, 2015 xehed **Joseph Sammut** u spjega li jokkupa l-kariga ta' Accountant u spjega li fil-fatt jiehu hsieb id-dokumentazzjoni kollha tal-imputat li qed jaghraf prezenti fl-Awla. Fil-fatt spjega li l-imputat ilu klijent tieghu ghal madwar tnax (12) jew tlettax (13)-il sena zgur. Spjega illi huwa jikkomunika mal-imputat tramite l-lingwa Maltija. Pero' spjega li fil-fatt l-imputat huwa limitat hafna kemm fil-kitba kif ukoll fil-qari.

Jispjega s-servizz li huwa jaghti lill-imputat tikkonsisti billi jissottometti l-VAT *returns* ghad-denunzja, jissottometti l-Income Tax *returns* u jekk ikun hemm xi Bank Finance u affarijiet simili jidhol ghalihom ukoll. Spjega li meta l-imputat jircievi d-denunzja biex jimliha ghall-VAT u ghalhekk f'dawk is-sitt (6) gimghat li huwa jkollu cans sabiex jimla’ tali formola huwa jmur ghandu b'zewg figuri partikolari li huma specifici wahda li tkun dhul u l-ohra li tkun il-hrug, huwa jimla l-formola fuq l-informazzjoni li tigi moghtija lilu minnu u in segwitu’ l-imputat imur ihallas id-differenza l-Bank.

Spjega li hawn Malta hawn *misconception* li una volta tinghata l-*fiscal receipt* din tkun bizzejjed biex tipprezentaha fl-ufficcju tal-V.A.T. meta dan mhux il-kaz ghax hemm bzonn ukoll tal-*fiscal invoice*. Issa fil-kaz ta' Gamil Merges li allura ma jafx id-differenza bejn *fiscal receipt* u *tax invoice* ghalih il-*fiscal receipt* hija xorta tajba biex ikun

jista' jipprezenta d-depositu pero' mhux il-kaz. Ghalih il-*fiscal receipt* tkun bizzejjed biex ikun jista' jikklejmja.

Spjega li fil-fatt il-*fiscal receipt* hija dik il-VAT tal-ktieb, waqt li t-*tax invoice* hija dak id-dokument mahrug mill-kumpanija minn fejn isir l-akkwist u naturalment il-VAT *receipt* u t-*tax invoice* jkunu jirriflettu lil xulxin. Ghalhekk *supplier* suppost jaghti l-VAT *fiscal receipt* il-konsumatur normali u t-*tax invoice* lil dawk li se jitolbu l-VAT lura. Spjega li fil-fatt Gamil Meges kellu VAT *exercise* jigifieri jiccekjawlu l-*inputs* tieghu u spjega li dan l-*exercise* spicca mertu tal-Appell quddiem il-Bord, quddiem it-Tribunali tal-Appelli. Huwa kien qed jirrapprezenta lil Gamil Merges quddiem dan il-Bord u spjega li eventwalment kien ipprezenta ukoll lista ta' rcevuti tal-ispejjez kollha tieghu u ukoll id-dokumentazzjoni kollha sabiex jssapportja dawn ir-*receipts*.

Huwa pprezentahom quddiem il-Bord tal-Appell u dana sabiex il-Bord tal-Appell jghaddihom lid-Dipartiment u dan sabiex ikun hemm transazzjoni quddiem l-istess Bord. Spjega li kien ghamel nota quddiem il-Bord u dan peress li d-Dipartiment ried li ma jikkoncedix l-*import* VAT minhabba li kellu ricevuti fiskali huwa pprezenta nota fejn qallu li din ma kinitx ekwita’ fiskali u cioe' li persuna li ma tkunx taf id-differenza bejn wahda u l-ohra jigi mcahhad minn dik l-*input* VAT minhabba li jkunu tawh *fiscal receipt* flok *tax invoice*.

In segwitu’ d-Dipartiment ipprezenta nota fejn talab aktar zmien biex jara dawn l-ircevuti, id-Dipartiment in segwitu’ tah lura l-lista li huwa

kien ipprezenta originarjament u mmarkalu liema kienu dawk l-ircevuti fiskali li d-Dipartiment ma kienx qieghed jaccetta peress li ma kienx hemm *tax invoices*. Talab lid-Dipartiment sabiex jaghtihom cans sabiex huma jipprovdu dawn it-*tax invoices* u dan naturalment a kambju tal-*fiscal receipt*. Huwa insegwitu ta din il-lista lil Gamil Merges u ra li l-akbar ammonti kienu jikkoncernaw lil Angelo Abela u fil-fatt spjega li kien hemm diversi mhux wahda biss u kollha kienu *fiscal receipts* u mhux *tax invoices* u ghalhekk talab sabiex imur ghand Angelo Abela jtih dawn it-*tax invoices*.

Gamil Merges gie lura u qallu li Angelo Abela ma xtaqx itihomlu. In segwitu’ kien hu stess li cempel lil Angelo Abela, spjegalu li huwa kien obbligat li jghaddihomlu u jekk ma jtihomlux ikollu jtellghu bhala xhud quddiem it-Tribunal sabiex jivverifika dawk ir-*receipts* li kien hareg bhala alternattiva. Il-fatt li kien se jitla' jixhed quddiem il-Bord ma ghogbitux u ghalhekk wara ftit jiem Gamil Merges ippovdielu dawn it-*tax invoices* wara li l-istess Angelo Abela kien ghaddihomlu.

Mistoqsi jekk qattx ikkomunika b'mod dirett ma' Angelo Abela spjega li iva darba minnhom meta qallu li fil-mankanza li huwa jkollu *tax invoices* kien se jitla' bhala xhud, u huwa din il-kommunikazzjoni ghamilha mieghu tramite t-telefown. Muri d-dokument tlieta u ghoxrin (23) fil-Process hu spjega li effettivament din hija *fiscal receipt* li giet mahruga minn Angelo Abela. B'referenza ghad-dokument a fol. Hamsa w sebghin (75) spjega li din hija t-*tax invoice*.

Spjega illi fil-*listing* li huwa pprezenta lid-Dipartiment kien hemm indikat elfejn lira (LM2,000) - u dan fis-sena 2003. Sjega li d-dokument li hemm esebit a fol. hamsa w sebghin (75) hija wahda minn hafna minn dawk it-*tax invoices* li huwa baghat lil Gamil Merges igib minghand Angelo Abela. Spjega illi dak il-hin meta huwa baghat lill-imputat ghand Angelo Abela sabiex jigbor it-*tax invoice,* il-VAT *receipt* ma kinitx f'idejh izda kienet ga f'idejn id-Dipartiment. Huwa fil-fatt kien baghtu biss bil-lista. Fil-fatt kien indikalu t-*tax invoice* ghal kull data.

Fil-fatt spjega illi din il-VAT *receipt* kienet giet prezentata lid-Dipartiment qabel ma huwa kien talab lil Angelo Abela sabiex jibghatilhom t-*tax invoice* u naturalment baqghet ghand id-Dipartiment. Spjega li kemm fuq VAT *invoice* kif ukoll fuq il-VAT *receipt* hemm is-somma ta' elfejn lira Maltin (LM 2,000). Spjega li meta d-Dipartiment kien ghamel ezercizzju fuq l-imputat spjega li kien hemm tlett (3) perjodi ta' tlett (3) xhur jew erbgha (4)-il wiehed u f'dak il-perjodu kien hemm hafna *supplies* ta' Angelo Abela. Hu spjega li kien hemm diversi pagamenti li saru f'somom ta' elf u ghalhekk l-ircevuta ta' elfejn lira (LM2000) ma kinitx *out of the ordinary*.

Ikkonferma illi t-*turn over* ta' Gamil Merges hija wahda sostanzjali. Spjega li effettivament jirrizulta li bejn wiehed u iehor kellu xi hamsin elf lira Maltin (Lm50,000) *turn over* fis-sena. Spjega li fil-fatt l-ammonti tieghu ma kinux zghar izda sostanzjali. Spjega ukoll illi l-

imputat jaghti hafna *sub contracting* u ghalhekk il-valur tat-*turn over* jitla' hafna 'l fuq.

B' referenza ghad-dokument li jinsab esebit fl-atti a fol. Sebgha w ghoxrin (27) sa disgha w ghoxrin (29) tal-Process spjega li dawn ukoll huma ricevuti li kienu parti mill-*input* VAT illi Gamil Merges kien ikklejmja fil-perjodu li kien qed isir l-ezercizzju dwaru u li in segwitu' pprezentaw lid-Dipartiment bil-lista meta gew quddiem il-Bord tal-Appell u spjega illi l-isem tas-sid fuq dawn id-dokumenti huwa miktub bl-idejn.

Spjega li dak iz-zmien id-Dipartiment kien johrog il-kotba taghhom vojta u kienu jintlew mill-klijent u minn dak li seta' jara professjonalment fil-kwistjoni ta' *fiscal receipt* fid-dhul u hrug taghhom id-Dipartiment dak iz-zmien ma tantx kien ikollu kontroll fuqhom. Illum il-gurnata il-kontroll zdied hafna u dak iz-zmien fil-fatt kienu johorgu *fiscal receipts* minghajr *printed names*. U jaqbel li effettivament l-isem ta' sid il-ktieb huwa miktub *by hand* f'kull wahda. Mistoqsi jekk jafx xi hadd Peter Farrugia bl-ID Card 337161(M) spjega li le ma jafx bih *su due piedi*.

L-istess xhud fl-istess seduta in kontro ezami spjega li qed terga' ssirlu referenza ghad-dokument esebit fl-atti a fol. tlieta w ghoxrin (23) u cioe' ghall-VAT *receipt* b'mod partikolari ghal Dok. ACV1 u ACV2. Spjega illi d-dokument li kien gie ghandu kien dokument ACV1 biss. Spjega illi dokument ACV2 qatt ma seta' gie ghandu u ghand il-klijent ghaliex dak huwa s-*suppliers copy* u cioe' l-*copy* li tinzamm minn

Angelo Abela u spjega illi hawn diskrepanza fihom ghaliex fuq dak li nghata l-klijent kien hemm miktub is-somma ta' elfejn lira Maltin (Lm2,000) waqt dak li hemm fuq is-*suppliers* hemm mitejn lira Maltin (Lm200).

Illi l-Qorti semghet lill-partijiet jittrattaw il-kaz u dan fis-seduta tal-21 ta’ Mejju 2015 fejn l-istess partijiet awtorizzaw lill-Qorti tghaddi ghas-sentenza.

Ikkunsidrat:

M’hemmx dubju li din il-kawza tiddependi fuq il-kredibilita’ tax-xhieda li semghet il-Qorti u dan wara li ghamlet apprezzament taghhom ai termini tal-**Artikolu 637** tal-Kap 9. Ghalhekk bhala gudikant il-Qorti sejra taghti qies tal-imgieba, kondotta, karattru tax-xhieda, tal-fatt jekk ix-xhieda ghandhiex mis-sewwa jew hix konsistenti, ta' fattizzi ohra tax-xhieda taghhom, jekk ix-xhieda hix imsahha minn xhieda ohra u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Din il-Qorti hija f'posizzjoni vantaggjata ghal hdejn Qrati ohra meta tigi biex taghmel apprezzament tax-xhieda, u dan ghaliex hija ghexet il-process tul medda ta' zmien, tkun semghet ix-xhieda (ghalkemm mhux kollha stante li din il-kawza giet assenjata lilha wara li diga’ kient bdiet tinstema’) jixhdu *viva voce* quddiemha, ezaminat l-imgieba u l-komportament taghhom, stante li kienet hija stess li

kkonstatathom, u x'interess seta' kellu kull xhud f'dak li xehed u jekk dak li qal kellux mis-sewwa jew le. Jinghad pero' li l-Qorti semghet kemm lill-imputat jixhed minn jeddu u b'mod volontarju (ghalkemm ma kienx obbligat li jixhed) kif ukoll lix-xhud principali tal-prosekuzzjoni, u cioe' lil Angelo Abela. Ghalhekk kollox jiddependi fuq il-kredibilita' tax-xhieda u dan hu proprju l-ezercizzju li ghamlet din il-Qorti.

Il-Qorti ezaminat bir-reqqa kollha l-provi kollha migbura u thoss li l-alternattivi huma tnejn; jew li l-imputat qed jghid il-verita' jew ma hux. Pero' fic-cirkostanzi kif inhuma, u kif jirrizultaw fil-process, biex din il-Qorti tasal ghal konkluzjoni li l-imputat mhux hati tad-delitti mputati lilu, trid ukoll tasal ghal konkluzjoni li kien hemm fil-kaz u fil-konfront tieghu investigazzjoni zbaljata jew mhux kompluta.

Ir-rizultat huwa li fi proceduri penali l-*onus* ta' prova tistrieh fuq il-Prosekuzzjoni matul il-kumpilazzjoni kollha, bhala regola generali u hija l-eccezzjoni li d-difiza trid tipprova xi haga, bhal per ezempju d-difiza tal-insanita'.

Hija principju fundamentali fi proceduri penali li persuna akkuzata hija prezunta nnocenti sakemm ippruvata hatja, u dan ai termini tal-**Artikolu 40 Subinciz 5 tal-Kostituzzjoni** ta' Malta, li jiddisponi s-segwenti:

*"every person who is charged with a criminal offence shall be presumed to be innocent until he is proved or has pleaded guilty..."*

Dan il-principju gie wkoll sanat fis-sentenza moghtija minn Sir Augustus Bartolo fl-ismijiet **Il-Pulizija v Michele Borg et** (deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali nhar it-13 ta' Mejju, 1936) fejn intqal:

*"illi skond il-principju u s-sistema tal-ligi u procedura penali taghna mfassla fuq dak ta' l-Ingilterra u li huma strettament d'ordine pubblico; 'the accused is presumed innocent until proved guilty.' "*

U issa ghalhekk wiehed jistaqsi xi tfisser verament presunzjoni tal-innocenza? Din tfisser li l-akkuzat ma jrid jipprova xejn dwar l-innocenza tieghu - hija l-Prosekuzzjoni li trid tipprova l-htija tieghu. Ghalhekk peress li hija l-Prosekuzzjoni li allegat il-htija tal-imputat, l-*onus* generali tal-prova, u cioe' tal-prova tal-htija, tistrieh fuq il-Prosekuzzjoni, li ghandha ghalhekk tipprova kull element tar-reat partikolari sabiex tasal ghal din l-istess konkluzjoni.

L-obbligu li tipprova l-htija tal-akkuzat irid ikun assolut, oltre kull dubju dettat mir-raguni w f'kaz li jkun hemm xi dubju ragjonevoli, il-Prosekuzzjoni tigi kunsidrata li ma ppruvatx il-kaz taghha ta' htija, u ghalhekk il-Qorti hija obbligata li tillibera.

Huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-akkuzi addebitati lill-imputat, huma veri u dan ghaliex kif jghid il-**Manzini** fil-ktieb tieghu ***Diritto Penale*** – Vol. III, Kap. IV, pg. 236, Ediz. 12 - 1890:

*"il cosi detto onero della prova, cioe' il carico di fornire, spetta ai chi accusa onus probandi incumbit qui asserit."*

Il-Qorti hawnhekk taghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija v Peter Ebejer** deciza fil-5 ta' Dicembru, 1997, fejn il-Qorti tenniet li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu li, wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-buon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni.

In fatti **Lord Denning** fil-kaz **Miller v Minister of Pensions** [1974] 2 All ER 372, jaghti bhala spjegazzjoni ghall-espressjoni "*proof beyond a reasonable doubt*" is-segwenti:

"*Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it*

*admitted fanciful possibilities to detect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt but nothing short of that will suffice.*"

Il-Qorti hawnhekk taghti spjegazzjoni tat-tifsira wzata komunement u cioe' li l-Prosekuzzjoni trid tipprova l-kaz taghha *beyond a reasonable doubt;* li tipprova kaz bla dubju dettat mir-raguni, li tfisser li l-grad ta' buon sens jew ghaqal li jwassal gudikant sabiex jaqbel mat-tezi taghha u cioe' tal-Prosekuzzjoni.

L-obbligu li tipprova l-htija tal-akkuzata jrid ikun assolut, oltre kull dubju dettat mir-raguni u f'kaz li jkun hemm xi dubju ragjonevoli, il-Prosekuzzjoni tigi kunsidrata li ma ppruvatx il-kaz taghha ta' htija w ghalhekk il-Qorti hija obbligata li tillibera.

F'dan il-kaz il-Prosekuzzjoni qed tallega pricipalment li l-imputat kien fil-pusess ta' dokument falz ( Doc ACV1 *tax receipt*) li inhareg mill-ktieb tal-VAT ta' Angelo Abela u li pprezenta erba' *VAT receipts* ohra, wkoll allegatament foloz minn fuq il-ktieb tal-VAT ta' Peter Farrugia (Dok ACV 4 fol. 27 et seq) u li xjentement ghamel uzu minnhom. Appart hekk gie akkuzat bir-reat ta' frodi u talli ghamel denunzja lid-dipartiment tal-VAT li ma kinitx korretta izda kienet qarrieqa. In breve ghalhekk l-imputa huwa akkzuat b'erba' reati.

Fl-ewwel lok ghalhekk l-imputat huwa akkuzat bir-reat kif dispost fl-**Artikolu 183 tal-Kap. 9** tal-Ligijiet ta' Malta imsejjah "Falsifikazzjoni ta'atti pubblici, kummercjali jew ta' bank privat minn persuna li ma tkunx ufficcjal pubbliku" liema artikolu jiddisponi is-segwenti:-.

"*Kull persuna ohra li taghmel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi tohloq pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi ddahhal dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f 'dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati, inkella billi zzid jew tbiddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw, jehel......*"

Illi ghalhekk jirrizulta li sabiex jezisti dan r-reat irid jissusisti zewg elementi:

1. li l-falsifikazzjoni tkun f'att pubbliku jew kummercjali jew ta' bank privat; u

2. li tali falsifikazzjoni ssir minn persuna li mhux ufficjal pubbliku.

Rigward it-tifsira ta' dak li jikkostitwixxi atti pubblici, l-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Rex v Giuseppe Zahra** (***1953***) kif rappurtata fil-vol. XXXVII, pg. 986. Hekk gie ritenut:

"*Fil-ligi Maltija, l-att pubbliku huwa dak li jigi maghmul jew ricevut bil-formolaritajiet mehtiega min-Nutar jew minn ufficjal pubbliku iehor li jkollu s-setgha li jaghti fidi pubbliku lil att.*"

Din it-tifsira hija in konformi mar-ragjonament ta' sentenza moghtija mill-**Corte di Cassazione** fid-9 ta' Novembru, 1929 li tghid:

" *l'atto pubblico non e' solo l'atto ricevuto con la scritta formalita da un pubblico ufficciale autorizzato ad attribuire a essa pubblico fede, ma ogni atto che il pubblico funzionario o forma nell'esercizio della sue funzioni e con le forme stabbilite in rappresentanza delle pubbliche amminstrazioni.*"

Illi f'dan il-kaz ma jirrizultax lanqas remotament li kien l-imputat li ghamel falsifikazzjoni f'att pubbliku. Huwa minnu li id-dokumenti li qed nitkellmu dwarhom, u cioe' Dok. ACV1 u ACV4 huma dokumenti pubblici, pero' minn imkien ma jirrizulta li kien l-imputat li zied iz-zero li nstabet fuq id-dokument ACV1. Jidher anke mix-xhieda tal-ex Spettur Ivan Cilia li l-imputat stess waqt l-investigazzjoni li kien qed izomm, u cioe' meta sa dak l-istadju l-imputat kien ghadu indagat, talab sabiex jigi appuntat espert tal-kaligrafija sabiex id-dokumenti in kwisjtoni jigu ezaminati ai fini ta' kaligrafija sabiex jigi stabilit b'certezza li ma kienx hu li zied xi numri fuq dawn id-dokumenti. Jidher li l-imputat irrilaxxja stqarrija *a tempo vergine* tal-investigazzjoni u gie mistoqsi jekk ghamilx xi '0' fuq id-dokument ACV 1 u minnufih iwiegeb li l-ammont ta' dik il-*VAT receipt* kellha dejjem tkun ta' LM2000, tant hu hekk li kieku kellha tkun ghall-ammontm izghar - kif jirrizulta li kien hemm miktub fuq il-kopji li kellu is-*supplier* Angelo Abela - kien ihallas inqas VAT u inqas *income tax*. Huwa aktar probabbli kien dan Angelo Abela li mess l-ircevuta li

zamm hu ghaliex b'hekk kien se jirregistra inqas dhul u ghalhekk ihallas inqas *income tax*. Oltre dan huwa improbabbli dak li qal Angelo Abela, li huwa qabad u hareg it-*tax invoice* ghall-ammont ta' LM2,000 bla ma hares lejn l-ircevuta tal-VAT li kien hareg qabel. Fil-fatt hawnhekk il-Qorti taghmel referenza ghax-xhieda tal-Accountant Joseph Sammut li jghid li meta tkellem ma' dan Angelo Abela w qallu li kien se jitla' xhud fil-proceduri li kienu qed jinstemghu quddiem il-Bord tal-Appell, kien relokwenti u minnufh qallu li kien ser itih it-*tax nvoice* li kellu bzonn. Ghalhekk Abela kien jaf li kien hemm stharrig ghaddej fuq l-imputat, u cio' nonostante xorta ghadda l-ircevuta ACV 2 li ma taqbilx ma' dik tal-imputat meta din kellha tkun kopja. Ma jidhirx, lanqas remotament, li kien l-imputat li ghamel xi falsifikazzjoni.

Dwar id-dokument ACV 4 il-Prosekuzzjoni qed tallega li l-ircevuti mahruga f'isem Peter Farrugia huma foloz ghaliex fil-fatt Peter Farrugia ma jaghmilx dan it-tip ta' xoghol u in oltre lanqas jaf lill-imputat. Jinghad li l-imputat qatt ma qal li kien Peter Farrugia li tah ix-xoghol jew li hallsu, dejjem qal li dawn l-ircevuti kien tahomlu barrani iehor bl-isem ta' Mahmoud Al Madami. Jghid li kellu jhallsu is-somma ta' hamest elef Lira Maltin (LM5,000) otlre il-vat ta' 15% b'hekk kellu johrog ricevuta ta' LM5,750. Huwa ressaq xhieda li jghidu li verament dan Mahmoud Al Madami kien jahdem mieghu . Oltre dan tela' jixhed ukoll l-*accounant* li jghid li l-imputat kien jahdem hafna, tant li kellu *turn over* ta' circa hamsin elf Lira Maltin (LM50,000) fis-sena u li kien jaghti hafna *sub contacting*. Dan il-fatt ma giex kontestat fl-ebda hin. Illi ghalhekk huwa probabbli li dawn l-ircevuti inghataw lilu minn terza persuna ghax-xoghol li ta. Issa jekk effettivament dan Mahmoud kellu l-ktieb tal-VAT ta' Peter Farrugia, zgur li ma jahtix l-imputat ghal dan. Il-Prosekuzzjoni setghet facilment

tipprova b'mod xjentifiku jekk il-kalligrafija fuq dan id-dokument ACV 4 hix tal-imputat. Zgur li fuq dawn id-dokumenti hemm imnizzel l-isem ta' Mahmoud Al Madami u hekk l-ammonti kif indikati mill-imputat fix-xhieda tieghu. Fuq dawn il-*VAT receipts* ma jidhirx li hemm xi referenza ghal Peter Farrugia u ghalhekk zgur li l-imputat seta' gie zvijat.

Illi ghar-rigward ta' din l-ewwel akkuza, l-Qorti hija tal-fehma li ma tirrizultax, lanqas remotament.

Dwar it-tieni akkuza u cioe dik kontemplata fl-**Artikolu 184 tal-Kap. 9** tal-Ligijiet ta' Malta intitolata "*Min xjentement jaghmel uzu minn dokumenti foloz"* jinghad li dan l-artikolu jipprovdi s-segwenti:-

"*Kull persuna li xjentement taghmel uzu minn att, kitba jew skrittura falza msemmija fl-artikoli ta' qabel ta' dan is-sub-titolu, tehel, meta tinsab hatja..."*

Ghalhekk jirrizulta minnufih li l-ligi titkellem fuq uzu ta' dokumenti foloz u ghalhekk huwa mportanti li l-Qorti tara x'hini t-tifsira ta' dokument, u jekk ktieb tal-ircevuti, jaqax taht it-tifsira ta' dokument.

**Kenny,** gurista Ingliz fil-ktieb tieghu ***Criminal Law*** jaghti tifsira ta' dokument fejn jghid:

"*for the purpose of the law of forgery a document is a writing in any form or any material, which communicates to some person or persons human statement, whether of fact or fiction.*"

**Manzini** fil-ktieb tieghu ***Diritto Penale*** jghid:

"*documento e' ogni scrittura determinato, contenendo manifestazioni o dichiarazioni di volonta ovvero altestazioni di verita, atto o fondare o a suffragare una pretesa giuridica o a provare un fatto giuridicamente rilevante in un rapporto processuale o in altro rapporto giuridico.*"

Illi ghalhekk id-dokumenti ACV 1 u ACV 4 zgur li jaqghu taht it-tifsira ta' dokument. Pero' apparti li l-imputat ghandu jaghmel uzu minn dokument, tali dokument irid ikun falz u li huwa irid ikun qed jaghmel uzu minnu meta xjentement jaf li id-dokument huwa falz ( sottolinear ta' din il-Qorti) . Ghalhekk l-uzu semplici ta' tali dokument mhux bizejjed izda irid ikun akkoppjat bl-intenzjoni kriminuza tax-xjenti. Illi hadd mix-xhieda tal-Prosekuzzjoni ma jghid li l-imputat kien jaf li tali dokument kien falz anzi semmai jirrizulta sa l-ahhar li l-imputat kien qed jikkontesta dak li qalet il-Prosedkuzzjoni u cioe' li kien falz u ghalhekk sa mill-bidu nett ma jistax jinghad li l-imputat kellu l-intenzjoni li jaghmel uzu minn dokument falz. Il-Prosekuzzjoni qed tallega, fir-rigward tad-Dok. ACV1 li dak huwa dokument falz, u dan fuq il-pretiza ghaliex il-kopja tieghu li kienet f'idejn Angelo Abela kellha valur differenti, u cioe' valur inqas ta' LM200 flok ta' LM 2000. Illi kieku l-imputat qabad u zied '0' fuq il-kopja tieghu, ma kienx ikun hemm raguni, ghaliex b'dan l-imputat ikollu jhallas aktar VAT lid-Dipartiment tal-VAT u jkollu ihallas iktar *income tax* peress li jindika li d-dhul tieghu kien aktar.

Ghalhekk mhux probabbli li l-imputat kien jagixxi hekk. In oltre fid-dawl ta' dak li qal l-*accountant,* u cioe' li Angelo Abela kien reluttanti li jtih it-*tax invoice* sabiex jabbraccja it-*tax receipt*, ukoll tista' tkun indikativa tal-*animo* li kellu dan Abela u kien biss meta l-*accountant* qallu li kien se jharrku bhala xhud quddiem il-Bord li ddecieda li jikkopera u jaghtih it-*tax invoice*. Kien biss meta l-Ispetturi tal- VAT talbu l-original minghand Abela li harget din id-diskrepanza. Pero' haga tal-iskantament dan Abela ma giex investigat minkejja din id-diskrepanza.

Id-difiza talbet lill-Qorti sabiex ma tkunx pregudikata fil-konfront tal-imputat ghaliex huwa Sirjan b'cittadinanza Maltija waqt li Abela huwa cittadin naturali Malti. Din il-Qorti taghmilha cara li hija qatt ma rat ucuh la ta' minn gie akkuzat quddiemha w daqstant iehor ta' min safa vittma, u dan ghaliex il-gustizzja m'ghandux ikollha ucuh u ghalhekk, ma hemmx dubbju li din il-Qorti sejra tittratta mar-reati li gew kommessi u konsegwentement ser televa ruhha minn kwalsiasi cirkostanza ohra.

Fir-rigward ta' l-uzu tad-Dok ACV4 jinghad li dawn l-ircevuti inghataw lill-imputat minghand certu Mohammed Al Madami kif stqarr l-imputat stess waqt ix-xhieda tieghu, kif ukoll fl-istqarrija li rrilaxxja. Ghalhekk una volta li l-imputat spjega l-origini ta' dawn l-ircevuti kien jispetta lill-Prosekuzzjoni sabiex tinvestiga ulterjorment dak li qal l-imputat f'dan ir-rigward. L-imputat jghid *a tempo vergine* tal-investigazzjoni, li huwa kien ha bicca xoghol kbira minghand Attard Bros. gewwa Hal Far u kien qabbad lil tnejn min-nies sabiex jahdmulu, wiehed Mohammed u iehor mgharuf bhala 'Luqaj' u warw li lestew ix-xoghol tawh dawn il-*VAT receipts*. Jghid li kien ha kutnratt ta' madwar LM35,000. Issa l-

Prosekuzzjoni setghet facilment tinvestiga sabiex tara jekk dak li qal l-imputat kienx minnu jew le. In oltre l-imputat ma strahx biss fuq il-fatt li dawn it-tnejn min-nies telqu minn Malta, izda ressaq xhieda sabiex jipprova li verament kienu jahdmu ghalih u in oltre li kienu ilhom ma jarawhom u li sa fejn jafu huma telqu minn Malta. Oltre dan il-Prosekuzzoni setghet ghamlet *police work* dwar il-kalligrafija fuq dawn l-ircevuti Dok ACV4 u taghmel komparazzjoni mal-kalligrafija tal-imputat sabiex tara jekk hiex l-istess. Minn dan kollu pero' ma sar xejn. Ghalhekk lanqas din it-tieni akkuza ma tirrizulta pprovata.

Fit-tielet lok l-imputat gie akkuzat bir-reat ta' frodi kif kontemplat fl-**Artikolu 308 tal-Kap. 9** tal-Ligijiet ta' Malta, liema artikolu jiddisponi is-segwenti:-

"*Kull min, b'mezzi kontra l-ligi, jew billi jaghmel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi jinqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi juri haga b'ohra sabiex igieghel* titwemmen *l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, jaghmel qligh bi hsara ta' haddiehor, jehel..........*"

Skond gurisprudenza kostanti li din il-Qorti kif presjeduta taqbel maghha, l-ingredjenti tal-element materjali ta' dan id-delitt ta' truffa, huma dawn li gejjin:

- Fl-ewwel lok bhala suggett attiv ta' dan id-delitt jista' jkun kulhadd.

- Fit-tieni lok il-Legislatur aktar mill-interess socjali tal-fiducja reciproka fir-rapport patrimonjali individwali, hawn qed tittutela l-interess pubbliku li jimpedixxi l-uzu tal-ingann u tar-raggieri li jinducu bniedem li jiddisponi minn gid fil-kors normali tan-negozju ma kienx jaghmel.
- Fit-tielet lok hemm l-element materjali tat-truffa u jikkommetti id-delitt tat-truffa kull min :-

(a) b’mezzi kontra l-ligi, jew

(b) billi jaghmel uzu ta’ ismijiet foloz jew,

(c) ta’ kwalifiki foloz, jew

(d) billi jinqeda b’qerq iehor, u

(e) ingann, jew

(f) billi juri haga b’ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz,

(g) jew ta’ hila

(h) setgha fuq haddiehor, jew

(i) ta’ krediti immaginarji, jew

(j) sabiex iqanqal tama jew biza’ dwar xi grajja kimerika, jaghmel qliegh bi hsara ta’ haddiehor.

Fis-sentenza tas-27 ta’ Mejju 1975 moghtija mill-Qorti Kriminali komposta minn tlett Imhallfin fil-kawza **<u>Rex vs Victorio Azzopardi</u>** (Vol. XXIX – IV – p.398) dik il-Qorti ccitat estensivament minn **Chaveau et Helie** u anke minn sentenzi tal-Qorti ta’ Kassasjoni ta’ Parigi biex tispjega

li hu necessarju biex ikun hemm ir-reat ta' truffa, li l-manuvri jridu jkunu ta' natura li jimpressjonaw bniedem ta' prudenza u sagacja ordinarja, li jridu jkunu frawdolenti u li hu necessarju li jkunu impjegati biex jipperswadu bl-assistenza ta' fatti li qajmu sentimenti kif hemm indikat fil-ligi. F'dik il-kawza ssemmiet ukoll is-sentenza **Regina versus Giuseppe Galea** tat-12 ta' Mejju 1887 fejn gie stabbilit illi "*che per costituire la frode sotto la disposizzione di quel* ***articolo 282*** *(illum 308) non e' necessaria bla concorenza fi ambedue i mezzi menzjonati nell' atto di accusa essendo sufficiente l'impiego di inganno o di simulazione per persuadere l'esistenza di un credito immaginario anche senza un'artifizio contrario ai regolamenti*."

Dwar l-artifizzji hemm diversi sentenzi tal-Qrati taghna u ta' din il-Qorti specjalment. Hekk l-Imhallef W. Harding tas-27 ta' Mejju 1944 in re **il-Pulizija vs Nikol Bonnici** qal "*il-Qorti t'isfel fis-sentenza taghha..... waslet ghal konkluzjoni illi hemm bzonn biex ikun reat taht l-artikolu 309 (illum 308) illi dak il-kliem ikun akkumpanjat minn apparat estern li jsahhah il-kelma stess fil-menti tal-iffrodat. Din it-tezi hija dik acecttata fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti anke kolleggjalment komposta fil-kawza* ***Regina versus Francesco Cachia u Charles Beck*** *deciza fit-2 ta' Jannar 1896 li fiha intqal illi "quel articolo non rchiede solamente una asserzione mensioniera e falza, ma riechede inoltre che siano state imegate inganno, raggiro o simulazione, ed e' neccessario quindi che la falza assertiva sia accompagnata da qualche atto diretto a darla fede*."

Il-mibki Imhallef Guze' Flores fil-kawza **Il-Pulizija versus Carmelo Cassar Parnis** deciza minn din il-Qorti fil-31 ta' Ottubru 1959 segwa l-

istess interpretazzjoni u esprima ruhhu kif gej: "Ghar-reati ta' truffa kontemplat fl-**Artikolu 322** (illum 308) tal-Kodici Kriminali kif jidher mid-dicitura partikolari deskritittiva adoperata, hemm bzonn li tirrizulta materjalita' specifika li sservi ta' supstrat ghall-verosimiljanza tal-falzita' prospettata bhala vera u b'hekk bhal mezz ta' qerq. Ma huwiex bizzejjed ghal finijiet ta' dak l-artikolu affermazzjonijiet, luzingi, promessi, minghajr l-uzu ta' apparat estern li jirrivesti bi kredibilita' l-affermazzjonijiet menzjonjeri tal-frodatur. Il-Ligi taghti protezzjoni specjali kontra l-ingann li jkun jirrivesti dik il-forma tipika, kwazi teatrali, li tissupera il-kawtela ordinarja kontra s-semplici u luzingi, u li taghti li dawk l-esterjorita' ta' verita kif tirrendi l-idea l-espressjoni felici fid-dritt Fritt Franciz *mise en-scene*".

L-istess interpretazzjoni l-Imhallef Flores irrepetieha fis-sentenza tieghu fil-kawza **Il-Pulizija versus Schreiner** deciza fit-3 ta' Marzu 1956 u fil-kawza **Il-Pulizija vs Gerald Portelli** deciza fis-7 ta' April 1956.

Kwantu jirrigwarda l-element formali, cioe kwantu jirrigwarda id-*dolo* ta' dan ir-reat ta' truffa, jinghad illi jrid ikun hemm qabel xejn l-intenzjoni tal-frodatur li jipprokura b'ingann il-konsenja tal-flus jew oggett li jkun, fi profitt ingust tieghu. L-ingustizzja tal-profitt tohrog mill-**Artikolu 308** tal-Kodici Kriminali fejn il-kliem "hi hsara ta' haddiehor" ma jhallux dubbju dwar dan. Jigifieri biex ikun hemm l-element intenzjonali tar-reat ta' truffa, hemm bzonn li s-suggett attiv tar-reat fil-mument tal-konsumazzjoni tieghu ikun konxju tal-ingustizzja tal-profitt u b'dan il-mod legittima produttivita' tal-profitt hija bizzejjed biex teskludi d-*dolo*.

Illi fil-kaz in desamina ma kien hemm xejn minn dan. L-imputat fl-ebda hin ma pprova jwebbel lil xi hadd sabiex jaghtih xi haga permezz ta' artifizju jew *messa in scena* tieghu bil-ghan li jiddefrodah. Angelo Abela stqarr li huwa kien tah l-ircevuta tal-VAT wara li l-istess imputat kien ghamel xirja minghandu, u dan mhux kontestat, u rrilaxxja *tax invoice* wara li gie mitkellem mill-*accountant* fejn gie avzat li jekk ma jaghtix din l-*invoice* kien ser jitharrek bhala xhud quddiem il-Bord tal-Appelli fejn kien qed jinstema' l-kaz tal-imputat odjern. Ghalhekk minn imkien ma jirrizulta li l-imputat f'xi hin ipprova jaghmel xi profitt a detriment ta' xi hadd jew li agixxa taht xi pretest iehor minn dak li kien minnu. Dan ir-reat ma jirrizultax.

Dwar l-ahhar akkuza u cioe li " *xjentement ghen jew assista lill-awtur jew awturi tad-delitt fl-atti li bihom dawn ghamlu xi denunzja dikjarazzjoni jew ta tgharif mehtieg ghal xi wiehed mill-ghanjiet tal l-Att dwar it taxxa fuq il Valur Mizjud filwaqt li kien jaf li ma kienx korett jew qarrieqa f'xi rigward marerjali*" kif kontemplat fl-**Artikolu 77 tal-Kap. 406** tal-Ligijiet ta' Malta.

F'din l-akkuza l-Prosekuzzjoni kellha tipprova li effettivament fl-ewwel lok kien hemm persuna ohra, maghrufa bhala l-awtur, li ddenunzja dikjarazzjoni jew ta taghrif falz ghal ghanijiet tal-Att dwar il-VAT, izda l-Prosekuzzjoni naqset li taghmel dan, izda ressqet biss lill-imputat, tant li l-pesuna l-ohra li kellha fil-pussess taghha l-kopja tal-allegat dokument falz lanqas giet investigata (skond ix-xhieda tal-Pulizija u taghha stess). Fit-tieni lok ukoll din l-akkuza ma tistax tirrizulta w dan ghaliex din il-Qorti gja iddikajrat li mhux qed issib lill-imputat hati talli xjentement ghamel

uzu minn dokument li kien falz u wisq inqas ma kien jaf li id-dokumentazzjoni li huwa ipprezenta fid-Dipartiment tal-VAT kellu xi problemi dwarha.

**Ghaldaqstant din il-Qorti, wara li rat l-Artikoli tal-Ligi, u cioe' l-Artikoli 42, 183, 184 u 308 tal-Kapitolu 9 u l-Artikolu 77 tal-Kapitolu 406 tal-Ligijiet ta' Malta, tiddikjara li <u>mhux qed issib</u> lill-imputat GAMIL MERGES hati ta' l-akkuzi kollha addebitati fil-konfront tieghu u tilliberah minn kull imputazzjoni u piena.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------